Minuti tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) tal-laqgħa numru wieħed u sittin (61) li nzammet nhar it-Tnejn, 23 ta’ Ottubru 2023 fil-5:30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |
| SKUZATI: | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |

**61.01** **Qari tal-itti ta' apoloġija** — Apoloġiji

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur David Schembri, u inqraw l-ittri tal-apoloġiji tas-Sa Marion Parnis u tas-Sur Patrick Bugeja. Dawn ġew aċċettati unanimament.

**61.02** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru sittin (60)** — Minuti

Il-Minuti tas-seduta numru sittin kienu meħuda b’moqrija peress li kienu mgħoddija lill-kunsillieri mal-agenda u dawn kienu approvati b’vot unanimu mingħajr korrezzjoni wara li tpoġġew għall-vot mis-Sur Charles Zerafa u ssekondahom is-Sur Daniel Farrugia.

**61.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**61.03.01** Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi rridu nikkomunikaw mal-kuntrattur li għamel il-permess tat-trinka fi Triq l-Imqabba propju dik it-triq taċ-Ċimiterju tal-Ars biex iwaħħal is-sleeping policeman li nqalgħet waqt ix-xogħlijiet u ma reġgħetx twaħħlet kif ukoll biex jerġgħu isiru il-marki tat-traffiku. Fatt ieħor simili kien dak ta’ Triq il-Panorama kantuniera ma’ Triq il-Misqa fejn lanqas saru wkoll il-marki tat-traffiku. — Nuqqas fix-xogħol ta’ Awtoritajiet

**61.03.02** Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma l-kaz ta’ sid ta’ vettura li għamel ħsara fil-vettura tiegħu fil-By-Pass. Id-DSE qal illi dan suppost jitla fl-agenda, u ma telax f’din l-agenda għaliex laħqet kienet ippubblikata. Kien hemm qbil unanimu biex l-avukat tiegħu l-kaz f’ideja peress li l-inċident seħħ fuq trinka tal-Korporazzjoni Enemalta x’ħin kienu qed jaqsmu l-By-Pass minn tal-Warda għal Triq iz-Zurrieq. — Aċċident Stradali

**61.03.03** Daħlet talba minn Heritage Malta biex iwaħħlu banner ta’ 13-metru biex jirreklamaw aktar għarfien tal-Park Arkeoloġiku ta’ Ħaġar Qim minn Wied iz-Zurrieq. Dan hu intenzjonat li jinqabad mit-turisti li jieqfu Wied iz-Zurrieq. Se nitolbu l-qisien ezatt peress li se jitpoġġa maċ-ċint li jwasslek lejn il-parkeġġ kif ukoll id-dizinn u fuq kollox l-arma tal-Qrendi u kemm se jkun il-kumpens lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi. — Banner f’Wied iz-Zurrieq

**61.03.04** Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma’ l-ħajt perikoluz biswit is-Santwarju tal-Ħniena. Dan qed ikun irrappurtat bħala Dangerous Structure li s-sid hu obbligat li jsewwi qabel ma jaqa’ fuq xi ħadd u jweġġgħu in-nies. — Dangerous Structure

**61.03.05** Dwar l-intenzjoni li jsir il-pavimentar tal-Pjazza tal-Ħniena quddiem is-Santwarju, is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi dan se jsir bil-kollaborazzjoni tad- — Pavimentar f’tal-Ħniena.

dipartiment tax-Xogħlijiet u għaldaqstant hemm l-Onor Stefan Zrinzo Azzopardi li qed niddiskutu miegħu biex ix-xogħol ikun kumplimentat bl-uplighters fil-pavimentar u b'dizinn li jirrifletti passaġġ quddiem l-istatwa u ieħor li jwasslek għal bieb tas-Santwarju.

**61.03.06** Issemma' il-Webinar li attendew għalih kemm is-Sindku kif ukoll id-DSE organizzat min-National Literacy li wkoll kien bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Punent. Kien hemm abbozz ta' ftehim li ma kienx jagħmel sens u li ma ffirmajnihx biex il-KLQ jieħu r-responsabbilitajiet tal-Librerija Pubblika tal-Qrendi. Dan qed ikun rivedut. — Draft ftehim mal-Librerija Pubblika

**61.03.07** Is-Sindku, is-Sur David Schembri bi pjaċir informa lill-kunsillieri illi l-KLQ se jibbenefika minn skema ta' sigurtà. Dan sabiex jerġa' jinstalla cctv cameras f'Misraħ il-Maqluba kif ukoll inġibu kwotazzjoni biex terġa tidħol linja tat-telefon biex jaħdem il-WI-FI fil-Ġnien tal-Warda għax Tech.mt qatgħuh minħabba li qalu li ma kienx qed jintuza bizzejjed. Se nħejju biex noħorġu t-tender/quotation pubblika. — CCTVs u WIFI

**61.03.08** Saret talba mill-Iskola Primarja tal-Qrendi kif ukoll mill-Iskola Hellen Keller sabiex il-Kunsill iħallas il-mizata tal-ECO Skola. Is-Sindku, is-Sur David Schembri ippropona, is-Sur Charles Zerafa issekonda u l-mozzjoni għaddiet unanimament biex jitħallas €15 lil kull skola. — Eco Skola

**61.03.09** Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' l-problema tal-aċċess minn vetturi tqal ta' kostruzzjoni fi Triq Gregorju Mifsud. Hu staqsa jekk hux se nagħtu permessi biex jidħlu dawn it-trakkijiet waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet u nneħħu l-vetturi pparkjati u tkun qed issir inġustizzja mar-residenti li tneħħilhom fejn jipparkjaw. — Aċċess fi Triq Gregorjo Mifsud

**61.04** **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm

**61.05** **Għazla ta' *caterer* – Inawgurazzjoni ta' Esebizzjoni tal-Pittura** — Esebizzjoni tal-Pittura

Dwar l-esebizzjoni tal-arti li se ssir l-inawgurazzjoni tagħha fit-18 ta' Novembru 2023 fil-Kappella ta' San Mattew fil-Maqluba, kienu kkunsidrati diversi caterers li tawna l-istima tagħhom. Ġew short listed Neriku Caterers u Bonaci Caterers u se nivverifikaw jekk hux bl-inbid inkluz.

**61.06** **Fun Run tal-MCCF (trasport)** — Mixja tal-President

Dwar il-*Fun Run* jew aħjar il-Mixja tal-President mil-Palazz Verdala fil-Buskett, se naraw jekk ikunx hemm talba minn residenti tal-Qrendi. Jekk fl-affermattiv, se nkunu qed nipprovdu trasport lejn il-Kastell Verdala u mhux lura mil-venda Belt Valletta peress li mil-Belt hemm tal-Linja diretta lejn il-Qrendi.

**61.07** **Proposta għal *Sidewalk Libraries*** — Sidewalk Library

Il-Kunsill qabel mal-proposta ta' sidewalk libraries u se jkun qed jimla' l-formula on-line biex jipparteċipa flimkien ma' kunsilli lokali oħra. Din se titpoġġa fejn ġej il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill jiġifieri fi Triq Massabielle, jew Triq Loreto Sciberras.

**61.08** **MAFA – talba għal refuzjoni** — LC Care Scheme

Dwar it-talba għal refuzjoni minħabba n-neutering tal-qtates u n-nuqqasijiet zgħar li nstabu fil-konfront tal-Kunsill Lokal tal-Qrendi, is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi dwar LC Care 2020, hu tkellem f'laqgħa li nzammet għas-Sindki f'Villa Arrigo. Kien hemm qbil illi niktbu biex nikkontestaw din il-multa ta' €2,497 għaliex ir-rapprezentazzjoni tagħna tkun trid titla' bord min-naħa tagħhom.

**61.09** **Approvazzjoni biex Skios/Bord Digital Studios ikunu l-App Developers tal-Mobile App** — Mobile App

Dwar il-Mobile app issa jidher li mxejna pass biex din tkun zviluppata filwaqt li s-Sur Charles Zerafa qal li se jidħol fil-manual u se jkun hemm bidla li tirrifletti l-iskeda tal-ġbir tal-iskart f'dik li hija ġbir ta' skart separat.

**61.10** **Intervisti għall-post ta' Segretarju Ezekuttiv** — Segretarju Ezekuttiv

Wara r-rizenja mil-bord ta' membru, il-KLQ kiteb lil kumpanija li hija esperta fl-ingaġġ ta' uffiċjali ta' ċertu portata biex tipprovdielna lil evalwatur ieħor. Għaldaqstant il-proċess ma jistax jitkompla filwaqt li hemm direzzjoni illi kif jinħatar mil-ġdid dan il-bord, tingħata d-data li fiha l-kandidati jkunu jridu jipprovdu il-performance appraisal tal-aħħar tliet snin u oħra li fiha tkun se ssir l-intervista.

**61.11** **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru SCH 01 (29/9/23 – 23/10/23) u SCH 186 (Ref: AA/09-1)** — Ċedola tal-pagamenti

Kienu approvati unanimament l-iskedi tal-pagamenti wara li tpoġġew għall-vot mis-Sur Charles Zerafa u kienu ssekondati mis-Sur Daniel Farrugia. Tal-ewwel iffirma d-dokumentazzjoni kompleta wara li staqsa mistoqsija dwar il-kont tal-ilma fir-Roundabout ta' Triq it-Tempesta filwaqt li it-tieni firmatarju se jkunu jew is-Sur Patrick Bugeja jew is-Sa Marion Parnis. Dwar il-kont, jirrizulta illi kien hemm hsara fil-meter tal-ilma li ma baqax jirreġistra u l-kont tal-konsum tela' sostanzjalment. Kien hemm zball fil-Payment Voucher ta' Greenpak li tħalltet ma' tal-Accountant li se tkun ipprintjata mil-ġdid.

**61.12** **Attivita Kulturali tal-Milied – Kunċert (Reġjun Punent)** — Milied

Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' d-dettalji ta' ittra tas-Sa Maria Daniela Farrugia li tirrapprezenta l-Għaqda Ħbieb Sptar Monte Carmeli li hija interessata li torganizza kunċert tal-Milied fil-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba, il-Ħadd, 3 ta' Diċembru. Dawn qed jitolbu €500 biex jinzamm dan il-kunċert u fl-istess ħin inkunu qed nippromwovu s-saħħa mentali u l-benesseri tal-persuna. Dwar dan kien hemm qbil unanimu bl-involviment ta' talent lokali ukoll. Dan il-kunċert se jkun ukoll sponsorjat mir-Reġjun Punent. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi bil-parteċipazzjoni tar-Reġjun Punent se jkun ukoll qed jisponsorja attivita' tal-Milied għas-Soċjeta' Muzikali Santa Marija u oħra mis-Soċjetà Muzikali Madonna ta' Lourdes. Għal dan il-għan kien hemm qbil unanimu illi jitħallsu €2,000 kull wieħed bħala kumpens. L-attività se tkun kunċert u Christmas Village rispettivament. Barramindan, l-KLQ se jkun qed jisponsorja €1,000 għad-dwal dekorattivi tat-toroq bejn it-13 ta' Diċembru u s-7 ta' Jannar 2024 biex jinxtehlu festuni fil-Ġnien tal-Warda u fil-ġnien ta' fejn l-ATM, bħal kull sena. Ovjament dawn se jkunu irreklamati mhux biss mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi izda wkoll mir-Reġjun Punent.

**61.13** **Proġett tal-pavimentar tal-isqaqien** — Pavimentar ta' Sqaqien

Is-Sur David Schembri qal illi fil-kaz tal-pavimentar tal-isqaq Nru 1 fi Triq il-Parroċċa il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se jkunu qed jaħsbu għall-materjal filwaqt li s-Civil Works se jkun qed jipprovdihom il-KLQ.

**61.14** ***Infrastructure Malta & Transport Malta concerns*** — Saħħa u sigurta fit-toroq

Dwar ir-rapport ta' saħħa u sigurtà fit-toroq, is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi hu pprezenta ir-Road Safety Audit ikkummissjonat mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi bil-ħidma tal-kumpanija ADI li hija l-esperta f'dan il-qasam kemm lil Transport Malta kif ukoll lill-Infrastructure Malta. Hu qal li in-nuqqas ta' kummenti mil-kunsillieri juri li ma kienx hemm oġġezzjoni għar-rakkomandazzjonijiet li saru f'dan ir-rapport wara li seħħew inċidenti gravi fil-Qrendi speċjalment fi Triq it-Tempesta. Is-Sindku kompla jgħid illi jidher li weħilna ma' Transport Malta.

**61.15** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** — Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u dik li jmiss se tkun imsejħa għall-20 ta' Novembru 2023 fil-5:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 20.11.2023 minn David Schembri
Deputat Segretarju Ezekuttiv — Sindku